MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Appell Kriminali Numru. 429/2013

Il-Pulizija

(Spettur Mario Tonna)

vs

**Riccardo Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Riccardo Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-17 ta' Marzu, 2013 ghal habta tas-01.50 gewwa Telghet il-Kordin, Paola:

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni TRS-090 jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura fi triq jew post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu tan-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt (57 ug/100ml);
2. Meta kien involut f'incident tat-traffiku ma' vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAQ-354 naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qieghed jsuq kif mitlub mil-ligi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew lill-Gwardjani Lokali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolament 67(1) tal-L.S.65.11, wara li semghet it-trattazzjoni, sabet lill-esponenti hati u kkundannatu ghal piena ta' elf u tlett mitt Euro (€1,300) multa u sitt (6) xhur skwalifika tal-licenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Riccardo Galea tat-18 ta’ Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u fil-kaz li dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tikkonferma l-htija tal-esponenti, li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra nqas skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**A. It-test tan-nifs**

Filwaqt li huwa minnu li r-rizultat huwa li hu, ossia 57ug/100ml, bl-akbar dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tapprezza u tevalwa l-provi migjuba 'l quddiem li jfissru r-rizultat.

L-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra mhux biss il-provi migjuba 'l quddiem mid-difiza sabiex jkun spjegat l-*alcohol intake* tal-esponenti meta u fil-hin u fejn sar, izda addirittura naqset milli tabbraccja l-fatt li l-hin tat-test tan-nifs ma kienx il-hin tal-allegat incident izda circa siegha wara l-allegat incident.

Di piu` l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-fatt li l-apparat utilizzat ma seta` qatt jaghti *reading* validu fil-ligi, galadarba minn erbgha` kampjuni li jridu jinghataw sabiex jigi determinat il-volum ta’ alcohol fin-nifs, wiehed biss irrizulta li kien tajjeb. Ghaldaqstant, bis-sahha tar-regolament 6(2) ta’ L.S. 65.16 kellu jintuza l-aktar kampjun tan-nifs baxx bhala prova semmai – ossia r-*reading* ta’ 48ug/100ml.

Dan il-fattur daqstant importanti jkompli jikber tenut kont ta’ dak li jiddisponi r-regolament 7 ta’ L.S. 65.16 fejn kellu jerga jsir l-ezami lill-esponenti galadarba dan it-test kien below 50ug/100ml.

Ghaldaqstant il-provi migjuba 'l quddiem mill-prosekuzzjoni, in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni ma kienux validi skont il-ligi, ma humiex ammissibbli bhala prova u ghaldaqstant l-ebda sejbien ta’ htija ma seta` qatt jkun hemm tal-esponenti in konnessjoni ma’ din l-imputazzjoni.

**B. l-incident tat-traffiku**

*b.1. it-tezi tal-esponenti.*

L-esponenti jishaqq bil-qawwa kollha li dak li qieghed jigi attribwit lilu mill-parte civile ma ghandux mis-sewwa. Konfort ta' dan huma l-fatti ossia provi u l-agir tal-prosekuzzjoni. Minn naha l-wahda l-esponenti jishaqq li huwa ma kienx involut fl-ebda incident tat-traffiku u fuq insistnza tieghu, tqabblu l-vetturi mill-Pulizija, ittiehdu ritratti taz-zewg vetturi fejn xulxin, u tant l-istess Pulizija qablu mal-verzjoni tal-klijent tieghi li fl-ebda istant ma' huwa gie mixli bi hsara nvolontarja ghad-dannu tal-parte civile f'dawn il-proceduri.

*b.2. il-lok tal-allegat incident*

Minn naha l-ohra hemm il-parte civile li qieghed jishaqq li huwa ntlaqat darbtejn mill-vettura misjuqa mill-esponenti, f'zewg postijiet differenti - li ma sehhewx gewwa Triq il-Kordin. Il-Prosekuzzjoni taghzel hija lil min u kif takkuzah, u galadarba hemm lok specifiku indikat, il-Prosekuzzjoni hija marbuta li tipprova li dak l-agir penali sehh f'dak il-lok, f'dak il-hin. Il-provi f'dan il-kaz juru kif effettivament jekk verament intlaqat il-parte civile, huwa ntlaqat fi triq ohra u mhux dik imsemmija fic-citazzjoni.

*b.3. l-applikazzjoni tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali*

Bir-rispett lejn l-Ewwel Qorti, filwaqt li hija sahqet li l-verzjoni tal-parte civile hija "hafna aktar kredibbli" minn tal-esponenti, dan sehh unikament tort tal-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli tgharraf tqabbel il-hsarat tal-vetturi. *Ictu oculi*, minghajr l-htiega ta' *expertise*, bniedem mall-ewwel jintebah li dak sostnut mill-parte civile ma ghandux ms-sewwa. Tali analizi tar-ritratti ezebiti miz-zewg partijiet ma saritx mill-Ewwel Qorti.

Sabiex il-Qorti tal-Magistrati sahqet li l-verzjoni tal-parte civile hija hafna aktar kredibbli, certament ifisser kif, l-agir tal-parte civile fuq il-pedana tax-xhieda ma ttiehidx *into consideration* hekk kif kienet obbligata li taghmel u di piu` interpretat bhala sinjal ta' gideb il-fatt li l-esponenti ghandu *speech impairment*!

Fl-umli fehemha tal-esponenti, l-Ewwel Qorti naqset milli tistharreg l-incident in ezami, skont ir-regoli tax-xjenza tal-fizika. Il-verzjoni tal-incident hekk kif moghtija mill-parte civile, hija wahda li tmur kompletament kontra tali regoli.

Dan kollu su espost irendi l-apprezzament tal-provi bhala wiehed “unsafe and unsatisfactory”.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' li terga tisma x-xhieda li gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Minghajr ma terga tirrepeti x-xhieda li nghatat din il-Qorti hi sodisfatta li l-versjoni moghtija minn Alex Buttigieg hu ferm iktar kredibbli minn dik ta' l-appellant. Il-hsara fuq il-vettura ta' Alex Buttigieg giet riskontrata u din il-Qorti ma taqbilx mal-versjoni ta' natrua fizika moghtija mill-abbli difensur ta' l-appellant. Jirrizulta wkoll li l-appellant naqas li jinforma lill-pulizija b'dak li kien gara meta kien l-obbligu tieghu li jaghnmel hekk. L-appellant ghogbu jibqa sejjer id-dar meta kien id-dover tieghu kien kif imfisser hawn fuq.

Illi l-appellant ghamel referenza ghal zewg testijiet tan-nifs. Din il-Qorti sabel biss rizultat wiehed in atti li jeccedi l-limitu legali. L-appellant xehed li hu kien id-dar jixrob ma missieru. Din kienet tkun prova nteressanti izda l-appellant naqas li jipproduci lil missieru biex isahhah it-tezi tieghu. Ghalhekk, il-kampjuni mehud mill-pulizija kien wiehed ammissibli bhala prova.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Riccardo Galea u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. Is-sitt xhur tas-sospensjoni tal-licenzja jibdew jiddekorru minn ghada 16 ta' Lulju, 2015 fil-hin ta' minuta wara nofs il-lejl.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------